# BANDIERA MALTIJA

## Ta' KARMENU ELLUL GALEA

*Waqt it-tlugħ tagħha f'nofs il-lejl ta' bejn il-Ħadd u t-Tnejn, 20-21 ta' Settembru, 1964.*

Ma' nofs il-leil fis-skiet ta' l-akbar folla
Raitek setgħana f'nofs il-misraħ tagħna
Tifrex ġwenħajk bħal omm fuq l-ulied kollha
U tgħid lill-ġnus: Jien issa wkoll suvrana!

Kemm dhert sabiħa f'dawk id-dwal u d-dija
B'għajnejn kulħadd imsammra fuq ilwienek,
Titlajja f'moħħhom il-ġrajjiet mgħoddija
Li nbnew bix-xogħol, bid-dmugħ u d-demm ta' wliedek.

Bandiera ħelwa! —għelm ta' mħabba u sliema—
Twemmin li xxettel sħiħ f'għeruq iż-żmien!
Il-lum riħek f'idejk, ma tħossx indiema
Li wrejtna t-triq tal-ħaqq u tal-ħelsien!

Tislima ntuk mill-qlub mixgħula mħabba
U nbusu lwienek sbieħ minn ħadd imtabbagħa.